

21998A0806(01)

L 218/46

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

6.8.1998

MEMORANDUM TA' FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Dominikana dwar il-protezzjoni fuq l-importazzjoni tat-trab tal-ħalib fir-Repubblika Dominikana.

SKEDA XXIII**PARTI I – TARIFFA DOGANALI APPLIKABBLI GĦALL-AKTAR NAZZJON FAVORIT****Taqsim 1-B: Kwota tat-Tariffa**

1. Il-Gvern tar-Repubblika Dominikana għandu jikkoreġi wara dan il-Memorandum ta' Ftehim l-iskeda tal-agrikoltura tiegħu (Skeda XXIII, l-Anness tal-Protokoll ta' Marrakech) biex jinkludi l-kwota tat-tariffa li ġejja:

Deskrizzjoni tal-prodott:	Ħalib tat-trab, sħiħ jew xkumat
---------------------------	---------------------------------

It-Titolu tat-tariffa (HS) Nru:	040210 040221 040229
Tariffa applikabli:	20 %
Rata bażika:	84 %
Bound rate:	56 %
Id-daqs tal-kwota tat-tariffa:	32 000 tunnellata
Perjodu ta' l-applikazzjoni:	1998 sa l-2004

2. Il-kwota tat-tariffa stabbilita b'dan il-Ftehim għandha tiġi mqassma fost il-produtturi skond l-Artikolu XXIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT 94) bil-mod li ġej:

Komunità Ewropea	22 400 tunnellata	70 %
New Zealand	4 800 tunnellata	15 %
Produtturi oħra	4 800 tunnellata	15 %
<i>Total</i>	<i>32 000 tunnellata</i>	<i>100 %</i>

3. Il-Komunità se timmaniġja s-sehem tagħha fil-kwota tat-tariffa skond il-mekkaniżmu tal-liċenzi ta' l-esportazzjoni stabbiliti mir-regolamenti tal-Komunità.
4. Kull membru tal-WTO jista "jipparteċipa fil-kwota tat-tariffa bħala" produtturi oħra.
5. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej se jinfurmaw ir-Repubblika Dominikana dwar kull diffikultà eżistenti jew prevista biex jipprovd u is-sehem tal-Komunità fil-kwota tat-tariffa. Jekk il-Komunità ma tistax tipprovd is-sehem tagħha fil-kwota tat-tariffa allokata minn dan il-Ftehim, ir-Repubblika Dominikana dritt, wara notifikazzjoni lill-Komunità żewġ xhur bil-quddiem, terġa' talloka l-kwantità mhux użata tal-kwota tat-tariffa bejn produtturi oħra jekk il-problema tal-provvista ma tkunx solvuta fdak il-perjodu. Huwa miftiehem li din id-dispożizzjoni ma tkunx użata biex tħassar il-possibilitajiet tal-Komunità li tkompli tipprovd l-prodotti li kienet qed tipprovd matul is-snin ta' qabel dan il-Ftehim.
6. Ir-Repubblika Dominikana m'għandhiex maħsub li l-introduzzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jkollu effett li artifiċjalment jikkonstringi l-provvista u b'hekk jgħolli l-prezzijiet fus-suq domestiku. Għalhekk, se żomm is-sitwazzjoni tas-suq taħt reviżjoni, u se żżejjid il-kwota tat-tariffa, kif xieraq, b'mod konsistenti ma' dan il-ġhan.
7. Huwa ukoll stabbilit b'dan il-Ftehim li r-ratifikazzjoni ta' l-iskeda XXIII, kif deskritta fl-ewwel paragrafu ta' dan il-Memorandum, huwa validu mis-sena 1998 (ir-raba' sena) ta' l-obbligi stabbiliti mill-Uruguay Round.
8. Ir-Repubblika Dominikana se templimenta l-iskeda ta' l-agrikoltura (skeda XXIII, l-Anness tal-Protokoll ta' Marrakech) inkluż ir-ratifikazzjoni permezz ta' dan il-Memorandum. Il-kwota tat-tariffa se taħdem fuq il-bażi mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju. L-arrangġamenti transitorji se japplikaw b'r-rispett għall-1998/1999 jekk l-arrangġamenti l-għoddha jidħlu fs-seħħ wara l-1 ta' Lulju.